# CELEBRAZZJONIJIET TAL-GIMGHA MQADDSA GEWWA .......................

## CASARANO

Casarano hija belt fil-provincja taljan ta' Lecce fir-regjun ta' l-Apulja fin-naha t'isfel ta' l-Italja. Hija wahda mill-aktar komuni industrijalizzata ta' dawn in-nahat u tispecjalizza fil-produzzjoni taz-zraben u fil-prodotti agrikoli. Minkejja din il-hidma ekonomika attiva Casarano ghadha tikkonserva b'mod intatt it-tradizzjonijiet religjuzi u folkloristici, specjalment dawk li ghandhom konnessjoni mal-Gimgha Mqaddsa u l-Passjoni ta' Kristu.



Ghal ftit jiem fis-sena l-komunita' ta' Casarano tinqata' mid-dinja biex tingabar ghal dawn il-jiem qaddisa. Centru ta' attivita' religjuza hija l-knisja ta' l-Immakulata tas-seklu 17 fejn hemm is-sede ta' Konfraternita' li torganizza l-processjoni ta' Gesu' Mejjet jew tal-Misteri. Dan ilha taghmlu sa minn erba' sekli ilu. Il-partecipazzjoni tan-nies tal-lokal turi kemm ghandha gheruq fil-fond din l-attivita' tal-Gimgha Mqaddsa. 120 reffiegh jerfghu l-istatwi, madwar 7000 ruh jiehdu sehem fil-processjoni xi uhud minnhom hafjin, bil-processjoni ittul ghal madwar 4 kilometri u iddum hames sighat iddur mat-toroq tal-belt.

Il-poplu ta' Casarano ikun ghex ir-Randan tieghu b'mod spiritwalment xieraq. Il-hames parrocci tal-belt jorganizzaw matul iz-zmien tar-Randan il-Via Sagra fit- toroq taghhom bil-facati tad-djar mzejna bil-fjuri u dawl ghal - okazzjoni. Kull nhar ta' Gimgha jsir pellegrinagg ta' talb u penitenza ghall-grotta tal-Kurcifiss li ghalih tattendi bi hgarha l-komunita'.

Minn dak li hu qaddis l-komunita' tghaddi ghal profan: l-assocjazzjoni kulturali "Centro Storico" torganizza dak li tissejjah it-tradizzjonali "Santu Lazzaru" jew wirja ta' grupp ta' muzikanti li jmorru minn post ghal iehor matul il-lejl jdoqqu u jkantaw l-inni tal-Passjoni bid-djalett u b'rikompens jakkwistaw oggetti ta' ikel li jmorru ghal xi att ta' karita'. Recentement l-iskop ta' "Santu Lazzaru" lien li joffri ghajnuna lil Moustapha,

immigrant marokkin, residenti gewwa Casarano, fil-bzonn ta' flus biex jikseb il-fejqan taz-zewg uliedu morda serjament.



L-ewwel appuntament li jiftah ir-riti tal-Passjoni huwa l-jum tas- "Seba' Duluri ta' Marija Ssma" fil-gurnata tal-Gimgha qabel Hadd il-Palm. Il-komunita' taddenti b'devozzjoni kbira il-quddiesa votiva tad-Duluri celebrata fil-knisja ta' l-Immakulata. Bejn il-lejl ta' Hamis ix-Xirka u dak ta' Hadd il-Ghid hafna fidili jzuru lix-xbiha ta' Marija Addolorata u hemm jitolbuha l-grazzji li ghandhom bzonn. Matul d-disa' visiti li l-insara ta' Casarano jaghmlu fil-lejl ta' Hamis ix-Xirka, (it-tradizzjoni taghna hi li naghmlu7 visti), il-poplu jidhol izur il-grotta naturali li thaddan fiha xbiha ta' Gesu' Mejjet, propjeta' tal-Konfraternita' ta' l-istess knisja ta' l-Immakulata.

Il-Lejla tal-jum tal-Gimgha jkun ikkarakterizzat mill-processjoni tal-Misteri li tiftah fid-21.00, dejjem mill-knisja ta' l-Immakulata. Jiehdu sehem erba statwi : il-kolonna, is-Salib, il-Monument ta' Gesu' Mejjet u l-Addolorata. L-ahbar li l-processjoni tkun waslet fil-qrib tkun imhabbra mill-hsejjes tac-cuqlata, id-daqq tat-tromba u t-tahbit tat-tambur. Il-processjoni tkompli timxi u tghaddi mit-toroq tal-belt, ghal-hames sighat shah b'pass bil-mod . Isegwu l-fratelli li jzommu s-simboli tal-Passjoni fil-waqt li l-Grupp tal-Produtturi taz-Zraben jorganizza l-Via Sagra Hajja. Is-solennita' tkompli tidher meta l-kor tan-Nisa Twajba flimkien mal-banda jintunaw l-innijiet taghhom. Ma jonqsux fratelli libsin il-kunfratija bajda pero' minghajr muzzetta bix-xema' f'idejhom jippartecipaw fil-processjoni. Il-korteo jaghlaq bid-devoti li jkollhom weghdi x'jtemmu, l-Kleru u l-Awtorita' Civili.



Il-popolazzjoni kollha tikkolabora biex tirnexxi l-attivita' tal-Gimgha l-Kbira. It-toroq minn fejn tkun se tghaddi l-processjoni jizzejnu bid-dwal u l-fjuri u spiss id-djar tar-residenti ikun rifugju ta' mistrieh ghal-dawk r-reffiegh tal-vari meta grupp ibiddel lil iehor. Ta min jinnota li l-vari ma jintrefghux fuq l-ispalla izda fuq l-idejn. Kollox jiddependi fuq is-sahha ta' l-idejn. Fi tmiem il-processjoni l-vari ta' Kristu Mejjet u l-

Addolorata jitqieghdu fuq l-altar maggur fil-knisja ta' l-Immakulata biex jinghata bidu ghar-rit tad-Dezolata.

Hekk kif jispicca swied il-qalb meta jithabbar l-Ghid, timbidel l-atmosfera f'ferh kbir. L-Istatwa tal-"Madonna della Campana", patruna tal-Belt ta' Casarano, tohrog tigri mill-bieb tal-knisja matrici tiltaqa' ma' Binha Rxoxt fost l-applaws tal-poplu, sparpar ta' bombi u marci muzikali.